TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 423/11/GZ

**Lauran u Mario Dimech**

**vs**

**Continental Cars Ltd.**

Illum 15 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-22 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' hames mija sitta u sebghin Ewro (€576.00), rapprezentanti l-prezz li huma hallsu lis-socjeta' ntimata sabiex isiru xogholijiet ta' tiswija fuq karozza gdida li r-rikorrenti kienu xtraw minghand l-istess socjeta' ntimata biss erbgha (4) xhur u nofs qabel.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta. Is-socjeta' ntimata ressqet ukoll kontro-talba li permezz taghha talbet rifuzjoni ta' hamsa u tmenin Ewro (€85.00), rapprezentanti l-ispejjez ta' 'surveyor' indipendenti, liema 'surveyor' kellu jitqabbad mill-istess socjeta' ntimata stante t-talba li ghamlu r-rikorrenti lit-Tribunal tal-Konsumatur.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu xtraw karozza gdida tat-tip 'Volkswagen Polo'minghand is-socjeta' ntimata, wara li l-istess karozza kienet giet irreklamata bhala 'Car of the Year 2010'. Il-karozza kienet giet ikkonsenjata lir-rikorrenti fil-25 ta' Frar 2011. Ezattament fid-9 ta' Lulju 2011, u cioe' wara erbgha (4) xhur u nofs, li kienet giet ikkonsenjata l-karozza, din waqfet l-Imgarr Road, gewwa Ghajnsielem u ma mxietx iktar. Nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju, ir-rikorrenti kienu cemplu lis-

socjeta' ntimata fejn informawha b'dak li kien gara. Il-karozza kienet giet ittowjatha minn Ghawdex ghal Malta u wara ftit is-socjeta' ntimata kienet informat lir-rikorrenti illi kellhom ihallsu l-ammont ta' mitejn u erbghin Ewro (€240.00) rapprezentanti l-'labour' u l-ammont ta' tliet mija sitta u tletin Ewro (€336.00) rapprezentanti 'clutch', 'plate' u 'lever'.

Ir-rikorrenti hassew ruhhom aggravti illi kellhom jidhlu f'dawn l-ispejjez wara biss erbgha (4) xhur u nofs li kienet inharget il-karozza in kwistjoni.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kien cemplu lis-socjeta' ntimata minn gewwa Ghawdex, fejn informawha li kellhom problema bil-karozza, u ghalhekk is-socjeta' ntimata kienet baghtet lir-rapprezentant taghha minn Ghawdex, Mr Frank Frendo.

Is-Sur Frendo kien irrapporta lura lis-socjeta' ntimata fejn qalilha li l-karozza in kwistjoni kellha problema fil-'clutch', u ghalhekk is-socjeta' ntimata kienet ikkuntatjat lir-rikorrenti fejn spjegatilhom illi l-'clutch' jaqa' taht il-garanzija biss jekk ikollu ksur, zejt jew li nharaq ghaliex ma ffunzjonax tajjeb, u li ma jaqax taht il-garanzija jekk tali 'clutch' ikun slipjat u nharaq b'konsegwenza t'hekk.

Ir-rikorrenti gew offruti jaghmlu x-xoghol geww Ghawdex jew inkella gewwa Malta, fejn ir-rikorrenti kienu ghazlu li jgibu l-karozza taghhom Malta. Is-socjeta' ntimata kienet qalat il-'gearbox' fejn sabet li l-'clutch' kien mahruq. Hija ghamlet stima tax-xoghol u tal-'parts' li kien hemm bzonn u r-rikorrenti accettaw. Peress li r-rikorrenti bdew jghidu illi ma jifhmux, is-socjeta' ntimata ordnat 'surveyor' privat, is-Sur Philip Zammit, sabiex jaghmel 'survey' indipendenti.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-korrispondenza bejn il-partijiet fejn ir-rikorrenti accettaw li jhallsu l-prezz ta' hames mija sitta u sebghin Ewro (€576.00) ghax-xogholijiet ta' tiswija; flimkien ma' kopja tas-'survey' mahruga mis-Sur Philip Zammit.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' l-ircevuta datata 21 ta' Lulju 2011, mahruga mis-socjeta' ntimata f'isem ir-rikorrenti fl-ammont ta' hames mija u tmintax-il Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€518.41), li giet immarkata bhala Dok.MD1; flimkien ma' kopja ta l-istima mahruga mis-socjeta' ntimata li turi l-prezz originali tal-karozza meta xtrawha r-rikorrenti, li giet immarkata bhala Dok.MD

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tar-rapport tekniku datat 23 ta' Lulju 2011, liema rapport gie maghmul mis-Sur Philip Zammit, bhala 'surveyor' indipendenti mqabbad mis-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.RB; flimkien ma' dokumenti ohrajn li gew immarkati bhala Dok.RB1, Dok.RB2, Dok.RB3 u Dok.RB4.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll ix-xhieda guramentata tas-Sur *Philip Zammit*, fejn huwa kkonferma li r-rapport Dok.RB gie maghmul minnu stess u li hu qatt ma kien impjegat mas-socjeta' ntimata. Stqarr illi meta mar jara l-karozza, il-'clutch' kien maqlugh barra biex jarah u jispezzjonah, minn liema spezzjoni huwa sab li tali 'clutch' kellu 'wear' fuq naha minnhom li hi n-naha tal-'pressure plate'.

In-kontro-ezami tax-xhud Philip Zammit, u mistoqsi jekk id-data mnizzla fuq ir-rapport ezebit hijiex l-istess data li ghandu hu, huwa stqarr illi jista' jkun li kien ha zball fid-data meta kien qed jerga' jaghmel xi dettalji ohra fuq l-istess rapport. Kompla jistqarr illi Dok.RB kien l-uniku rapport li ghamel, li r-ritratti kien ziedhom wara u li ma kienx ra l-karozza meta harget ghaliex normalment din tkun gdida u ma ssirx spezzjoni fuq karozzi godda minnu. Skond l-istess xhud, il-'clutch' kien tajjeb fil-bidu ghaliex il-karozza nstaqet.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi s-socjeta' ntimata offriet servizz mill-ahjar lir-rikorrenti, josserva illi r- rikorrenti kienu gew informati bil-prezz ghat-tiswija, liema prezz mhux talli ma kienux ikkontestaw, pero' li rrizulta ampjament car, li kienu fil-fatt accettaw li jhallsu, u dana partikolarment mill-korrispondenza ezebita u mmarkata bhala Dok.RB4 minn fejn jirrizulta li kienu taw il-konferma taghhom lis-socjeta' ntimata meta qalu: *"To confirm approval of work needed on car ABV-082. I am crossing over to Malta this Wednesday, will it be ready by then."*. Illi ghalhekk it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti; u qed jichad ukoll il-kontro-talba tas-socjeta' ntimata, stante l-fatt illi d-decizjoni li ttiehdet minnha li tinkorri tali spejjez kienet decizjoni unikament taghha; bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**